KLR 30/V/2008

Minuti tal-laqgħa li nżammet nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2008 fid-9.30 ta' filgħodu.

PREŻENTI:- Is-Sindku Robert Tabone, il-Viċi Sindku Victor Galea Pace, il-Kunsilliera Joe Debrincat, Josef Schembri, Marcel Tabone u Michel Buttiġieġ.

SKUŻATA:- Il-Kunsilliera Josephine Cassar.

Wara li ntqalet it-talba ġew approvati l-minuti ta'l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li mal-bini ta' l-uffiċini tar-Reġistru Pubbliku ssir tabella taċ-ċeramika li turi Triq ir-Repubblika u jkun hemm ukoll indikazzjoni ta' fejn tinstab iċ-Ċittadella. Senjaletika taċ-Ċittadella għandha issir ukoll fi Triq Taħt Putirjal.

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li:-

1.2 l-iżviluppaturi tal-Prime Mall (Duke of Edinburgh) lesti li jiksu bit-tarmac it-triq ta' maġenb il-*playing field* u ta' wara l-Aurora;

Il-membri qablu li:-

1.4 jiġi rrappurtat il-ħajt ta' taħt il-*Bus Terminus* li jinsab fi stat ħażin. Ir-rapport ser isir lill-Awtorita' Dwar it-Trasport (ADT);

1.5 ssir *traffic mirror* fi Triq Mro. Dirjano Lanzon faċċata ta' Triq Mary Mejlak;

1.6 il-kuntratt tat-tindif ta' Wied Grixti jingħata lil Pius Attard peress li xeħet l-orħos rati. Sar ukoll qbil unanimu li minflok dan il-wied, jitnaddaf il-Wied ta' Żejta li hu użat ħafna aktar minn Wied Grixti. Għadhom jintużaw l-istess rati li ġew offruti minn Pius Attard. Il-membri approvaw il-pjanta sottomessa mill-Perit Scerri li turi l-*embellishment* ta' Wied Żejta. It-tindif ta' Wied Żejta ser isir fix-xhur tas-sajf;

1.7 bħala xogħol ta' tarmac jinbeda minn Triq Mons. Luiġi Vella u l-parti ta' Qasam San Ġorġ u mbgħad isiru ż-żewġ partijeit f'taċ-Ċawla H. E. Il-kuntrattur u l-Perit u l-

1.8 Ministeru għal Għawdex ser jiġu magħarrfa b'dan. Ir-residenti ta' dawn it-

toroq ser jiġu nfurmati li x-xogħol daqlwaqt jibda sabiex fejn m'hemmx isir l-*electrode*. Dwar ir-*road humps* li hemm fi Triq Mons. Luiġi Vella, il-membri qablu li jsiru tnejn minflok it-tlieta li diġa' hemm u jsiru tal-ħadid minflok konkos. Gatt Tarmac li huma l-kuntratturi ta' dan ix-xogħol offrew *one time discount* fuq is-*sub-base* ta' triq minn dawk li ser jiksu. Il-membri qablu li dan l-iskont jiġi applikat fuq Triq Wied is-Seqer li hi l-itwal waħda. Dwar ix-xogħol tat-tarmac saret ukoll laqgħa qasira ma Mario Gatt li jirrappreżenta l-Gatt Tarmac Ltd.

1.8 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni rigward il-bdil li sar fit-traffiku li jagħddi minn Triq Dun Pawl Micallef. Is-Sindku spjega kif ġie deċiż li jsir dan il-bdil fil-laqgħa li għaddiet u r-residenti ta' din it-triq ġew infurmati permezz ta' ittra. Il-kunsillier Buttiġieġ ġibed l-attenzjoni li ma qabilx ma kif inkitbet l-ittra peress li deher li l-kunsilliera kollha qablu li jsir dan il-bdil. Is-Sindku spjega li kienet deċiżjoni tal-Kunsill li jsir dan il-qbil u fil-korrispondenza li ntbagħtet qatt ma ġie mniżżel li l-Kunsill qabel unanimament. Il-kunsillier Debricnat qal li minn naħħa tiegħu ser jgħarraf lil dawn ir-residenti li hu kien wieħed li ma qabilx li jsir dan it-tibdil.

## 2. Mozzjonijiet f'isem il-Membri

Mozzjonjiet numri 102 u 103 ġew imressqa ill-kunsillier Buttiġieġ u ssekondati mill-kunsillier Debrincat.

Mozzjoni numru 102

**Nipproponi li ssir *road hump* fi Triq Pawlu Portelli.**

Il-kunsillier Buttiġieġ qal li xi residenti ssuġġerew li ssir din ir-*raod hump* peress li jgħaddu ħafna vetturi b'veloċita' eċċessiva. Il-membri qablu li r-residenti jiġu nfurmati bil-proposta u sadanittant jintalab il-peremess ta' l-ADT.

Mozzjoni numru 103

**Nipproponi li ssir bozza ġdida fi Triq it-Tabib Anton Tabone qrib id-dar 'The Promise'.**

Din il-proposta ser issir lill-Enemalta peress li Triq it-Tabib Anton Tabone hi arterja prinċipali.

Mozzjoni numru 104 ġiet imressqa mill-kunsillier Debricnat u ssekondata mill-kunsillier Buttiġieġ.

Mozzjoni numru 104

**Permezz ta' din il-mozzjoni nitlob li titranġa r-rampa tal-garaxx ta' quddiem ir-residenza 'Qalb ta' Ġesu' fi Triq Santa Domenika. Din ir-rampa kienet tkissret meta l-kuntrattur għamel trinka f'din it-triq u għalkemm ġiet irrappurtatha kemm il-darba lill-Ministeru għal Għawdex baqgħet ma saritx.**

Il-membri qablu li tintalab stima mingħand il-Perit skond ir-rati tal-kuntratt tal-bini tal-bankini.

Mozzjoni numru 105 ġiet imressqa mis-Sindku u ssekondatha mill-kunsillier Schembri.

**Niproponi li l-Kunsill jitlob il-permess ta' l-ADT sabiex Triq Francesco Masini tkun miftuħa *two way* waqt il-ħin li fiħ tkun magħluqa Triq l-Ewropa xħin l-istudenti jkunu ħerġin mill-iskejjel sekondarji.**

Is-Sindku spjega li *taxis* jew *mini-buses* li jkollhom it-turisti residenti fil-lukanda Downtown qed isibuha diffiċli jidħlu għal din il-lunkanda. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' l-ADT sabiex dawn il-vetturi jkollhom dritt jidħlu.

**3. Post Mortem ta' l-attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena**

Is-Sindku qal li l-attivitajiet kollha li ġew organiżżati mill-Kunsill kienu suċċess u bħala *sponsors* l-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena ġiet miġbura. Dawn l-isponsors huma:- MTA - €1,300, HSBC – €11,000 , NECC – €4,660, Coca Cola – €2,062, EUPA – €7,922, MIA – €2,330, Good Causes Fund - €11,000 u €9,000, Charles Grech Co. Ltd. – €3,300. Il-lukanda Downtown offriet tlett kmamar għall-kantanti Maltin, Baron Contracts offrew *farmhouse* ukoll għall-artisti Maltin u l-Guard and Warden Services ser toffri skont fuq is-servizz tal-Gwardjani lokali li ġew ordnati waqt l-attivita'.

Rigward il-promozzjoni ta' l-attivitajiet il-membri qablu li seta' kien aħjar. Din is-sena saru reklami mal-kalendarju kulturali mħejji mit-Taqsima tal-Kultura, li tqassam ma fuljetti oħra ta' żmien il-Milied.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn ta' aktar involviment minn naħħa tal-Kunsilliera . Dan sabiex ix-xogħol ikun mqassam bejn aktar nies. Dawn l-attivitajiet qed jagħmlu ġieħ lill-Kunsill tar-Rabat u l-attivita' ta' l-aħħar tas-sena tikkonferma kemm in-nies iridu attivitajiet simili. Wara li saret din id-diskussjoni il-membri qablu li għas-sena d-dieħla jiġu meqjusa dawn il-punti:-

i) bħala reklamar jinkera *billboard* fit-triq ta' l-Imġarr,
ii) jiġi diskuss jekk il-*Folk Festival* ikunx loku aktar fis-sajf,
iii) jiġi diskuss l-inklużjoni ta' Pjazza San Franġisk waqt dawn l-attivitajiet, u
iv) tinħoloq struttura/kumitat li jieħu ħsieb l-organiżżazjoni ta' dawn l-attivitajiet.

## 4. Attivita' tal-Karnival

Kif sar qbil fl-laqgħa preċedenti, il-Kunsill Lokali ser jorganiżża attivita' tal-Karnival, nhar il-Ġimgħa 1 ta' Frar 2008 fi Pjazza Indipendenza. Is-Sindku tenna li ntalbu l-i*sponsors* li għandhom jiġu konfermati sa mhux aktar tard minn nhar il-Ħamis 24 ta' Frar 2008. Jekk ikun hemm ammont konsiderevoli ta' *sponsors*, il-membri qablu li jinħarġu stimi għall-provediment tas-*sound* u d-dawl u l-attivita' tiġi organiżżata mal-kumpanija Zoo Media & Entertainment Ltd.

## 5. Eko-Skola

Is-Sindku għarraf lill-kunsilliera li ġie avviċiniat minn Marvic Refalo li qed tieħu ħsieb il-proġett Eko-Skola fl-iskejjel Għawdxin. Dan il-proġett qed joħloq kuxjenza fost l-istudenti rigward l-ekoloġija u l-ambjent. Mill-istudenti stess ġew iffurmati kumitati fl-iskejjel li jorganiżżaw attivtajiet rigward il-materja. Il-membri qablu li l-Kunsill jippromwovi din l-inizjattiva.

## 6. Approvazzjoni tal-kontijiet

Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Jannar 2008 skond dokument A anness.

## 7. Korrispondenza

Tressqet korrispondenza mingħand:-

7.1 il-Government Property Division (GDP) fejn intalbu l-kummenti tal-Kunsill rigward il-ħruġ tal-permess għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fi Pjazza Indipendenza ta' Ignatuis Attard. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

7.2 l-Av. Anthony Theuma li kiteb għan-nom ta' Maria Ellis li toqgħod 78, Triq Palma. Din oġġezzjonat għall-parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilita' li hemm fi Triq Palma u li qed isiru b'numrui speċifiċi. Il-membri qablu li jiettieħed il-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill.

7.3 is-Sur Paul M. Cassar fejn issuġġerixxa li Triq Ninu Cremona issir *two way* sabiex jitnaqqas it-traffiku minn Salib it-Toroq u fi Triq Taħt Putirjal. Biex tiġi ntrodotta din is-sistema tkun tird titnaqqas il-bankina wiesgħa li hemm fuq in-naħħa tal-Lombard Bank. Din il-proposta ser tintbgħat lill-ADT.

7.4 il-Perit Edward Scerri fejn għarraf lill-Kunsill li l-parti li nksiet bil-konkos minn Joe Grima fi Triq Wied is-Seqer ma tħallietx tinxef biżżejjed peress li sid il-garaxx ta' fejn sar ix-xogħol għaddha b'vetturi tqal minn fuqha.

7.5 il-ħanut Sunrise ta' Triq id-Dawwara fejn talbu *un/loading* bay. Din it-talba ser tintbagħat lill-ADT.

7.6 l-iskola Aġius De Soldanis fejn talbu li ssir *Keep Clear* quddiem il-*gate* tal-ġenb ta' l-iskola. Din it-talba wkoll ser tintbagħat lill-ADT.

7.7 l-S. K. Victoria Wanderers fejn il-Kunsill ġie magħarraf li dan it-tim m'għadux jifforma parti mill-*Joint Standing Committee* tal-klabbs tar-Rabat.

7.8 il-MEPA rigward PC 0121/07 li tikkonferma r-*road alignment* fi Triq l-Ewropa u rigward PC0119/07 li tistabilizza l-għoli tal-bini u *road alignment* fi Triq l-Ewropa wkoll. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

7.9 l-Avukat Noel Camilleri li kiteb għan-nom ta' Joseph Portelli li jokkuppa kaxxa numru 3 fuq il- monti. Qal li ma jsibx oġġezzjoni li Mario Azzopardi li jokkupa kaxxa numru 18 ġiet mibdula mal-kaxxa 23. Is-Sur Portelli talab li Mario Azzopardi ma jitressaqx qrib il-kaxxa numru 3. Dan peress li fil-passat kien hemm xi tilwim bejniethom.

7.10 l-sipiżjar Carmel Abela li talab li jsriu *double yellow lines* quddiem il-garaxx tiegħu quddiem 'Eden', Triq San Ġużepp Labre'. Il-Kusnill ser jibgħat din it-talba lill-ADT.

7.11 l-iskola Sir Mikelanġelo Rabalo fejn intalab li ssir laqgħa mal-Gwardjani Lokali u l-Pulizija sabiex jissorveljaw il-parti ta' l-iskola fejn jipparkjaw il-ħaddiema ta' l-iskola stess. Dan peress li sewwieqa li m'għandhomx x'jaqsmu jidħlu jipparkjaw f'din il-parti.

## 8. Materji oħra

Il-membri qablu li :-

8.1 tintbgħat korrispondenza lill-Minsiteru għal Għawdex sabiex jieħu ħsieb it-toroq arterjali li jinsabu fi stat ħazin ħafna. Fost dawn it-toroq hemm Pjazza San Franġisk, Għajn Qatet, Kapuċċini, Dawwara u Ewropa;

8.2 fil-parti devoluta lill-Kunsill ta' Qasam San Ġorġ, issir forma ta' rampa u jiġi nkulż taraġ għall-*pedestrians*. Ser jiġu nklużi wkoll *soft areas*;

8.3 jitranġa n-*non slip tape* li nqala' mit-Telgħa tal-Belt;

8.4 fuq suġġeriment tal-kunsillier Schembri, r-restawr ta' l-istatwi ta' Triq il-Kapuċċini u l-pedestalli tagħhom jsir fir-Rebbiegħa meta t-temp ikun aħjar għal dan ix-xogħol. Il-kunsillier Schembri qal li għamel *site inspection* mal-persuna li rranġat l-istawi tal-Kunvent ta' Sant. Wistin;

8.5 tintlab stima mingħand Sunny Vella sabiex jitneħħa t-tajn li niżel bix-xita fi Triq Wied Sara. Għandha wkoll tinkiteb ittra lid-Direttur għall-Proġetti u Żvilupp sabiex

jitranġaw il-ħitan tas-sejjieħ ta' din it-triq.  Dawn kienu ġarbu ħafna ħsara meta kienet qed issir it-Triq ta' Pinu u t-traffiku kollu kien jgħaddi minn Triq Wied Sara;

8.6 jinħareġ il-permess għal sena ta' Emanuel Conti li għandu *vending machine* Triq Sir Sir M' Anġelo Refalo;

8.7 issir tabella fejn tindika li ma' tistax tħalli skart quddiem is-siġar li hemm faċċata ta' l-isptar fi Triq Għajn Qatet.  Dan peress li l-Kunsill għandu rapporti li sid il-ħanut Maccheroni qed tħalli l-iskat f'dan il-post.  Għandha wkoll tinġibed l-attenzjoni ta' sid il-ħanut;

8.8 tinġab stima ta' kemm tiġi tiswa l-bankina quddiem il-bini ġdid li sar fl-aħħar parti ta' Triq Santa Domenika qabel tibda il-Munxar.  Din hi arterja prinċipali u saru diversi tentattvi sabiex il-bankina issir mill-Gvern Ċentrali;

8.9 jitranġa l-konkos li sar f'daħla ta' l-egħlieqi  fi Triq il-Mitħna.  Dan peress li sid l-għalqa qed jgħid li l-karozza tiegħu tħokk mal-konkos li sar mill-Kunsill sabiex ma jagħaddix ilma tax-xita;

8.10 jitneħħew minn fuq il-kotba l-*fairy lights* il-qodma u l-*intel P2 computer u printer*. Dawn m'għadx għandhom użu u l-ammont deprezzat hu ta' €5,522.94 (UI 0192) u €153.67 (CE 0001) rispettivament;

8.11 jinbidel id-dawl li hemm fi sqaq ta' Triq San Ġorġ għall-fanali ornamentali pariġġ dawk eżistenti.  Dan peress iż-żewġ lampi li hemm fil-preżent huma antiki u sid id-dar ta' fejn jinsabu ilmentat li qed jagħtu ħafna dawl;

8.12 tintalab stima għall-bankina ġdida fi Triq Ġorġ Borġ Olivier quddiem Azzopardi Fisheries.  Dan minħabba li għad m'hemmx bankina;

8.13 jsiru *Nutrition Talks* organiżżati minn Lorraine Grech li hi esperta fil-materja.

8.14 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li għaddejjin diskussjonijiet mal-Minstru tal-Familja u Solidarjeta' Soċjali (MFSS), Dolores Christina, sabiex tingħata għajnuna finanzjarja għall-proġett tal-bini mill-ġdid tal-*playing field* ta' Taħt Putrijal.

8.15 Rigward l-istimi tal-dawl li nħarġu għal taċ-Ċawla *playing field*, għall-ġnien ta' Qasam San Ġorġ u għall-Pjazza J. F. Kennedy, tressqu r-rakkomandazzjonijet ta' GaleaCurmi, l-enġiniera tad-dawl.  Wara li ġew evalwati, il-membri qablu li għal taċ-Ċawla u Pjazza J. F. Kennedy jiġu ordnati mingħand E. Calleja & Sons Ltd u għal Qasam San Ġorġ jinxtraw mingħand Apex Interiors Ltd.

8.16 Rigward il-proġett li qed isir f'taċ-Ċawla H. E. u li parti sostanzjali minn qed tiġi ffinanzjata mill-MFSS, il-membri qablu li jsir id-dawl li jillumina l-grawnd tal-*football*. Dan peress li l-klabb tal-Victoria Hotspurs ser jiffinazjaw it-*turf*, il-konsum tad-dawl u l-ġeneratur.  L-istima tad-dawl installat ġiet  tiswa  €7,698 VAT inkluza.  Preżentament

qed isiru laqgħat ma rappreżentanti ta' dan il-klabb sabiex isir forma ta' kuntratt rigward il-materja.

Il-laqgħa ntemmet fis-2.30 ta' wara nofs in-nhar.

| | |
|---|---|
| Robert Tabone | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |